MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 2521/2003

**Jane Debono**

**Vs**

**Victor Borg**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Dicembru 2003 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm417.78 (erba` mija u sbatax-il lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu) rapprezentanti ta' danni sofferti f'incident awtomobilistiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
L-attrici qed titlob il-hlas ta' Lm417.78 danni minnha mgarrba f'incident awtomobilistiku li gara fl-20 ta' Mejju 2003 fi Triq Regjonali, Sliema bejn il-vettura JMA 114 misjuqa mill-attrici u l-vettura KIP 052 misjuqa mill-konvenut.

Ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvneut.

Bl-ispejjes u l-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi t-talbiet tal-attrici kif diretti kontra l-eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort tal-eccipjenti, pero` b'tort tal-attrici stess, li kienet qwd issuq il-vettura JMA 114, u dana minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess attrici; u dana kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-habta in dezamina okkorriet fuq il-lights tar-roundabout tal-Kappara. L-attrici riedet tmur fid-direzzjoni ta' San Gwann, allura lejn ix-xellug. Il-konvenut ried imur lejn il-lemin ossia jdur mar-roundabout. Fil-waqt li l-attrici kellha konjizzjoni tat-triq, il-konvenut stqarr li ma jafx liema kienu l-karozzi hdejh, lanqas fuq il-gnub tieghu. L-ewwel darba li induna bil-vettura tal-attrici kien meta sema t-thaxwix! Peress illi l-vettura tal-attrici, izghar u iqsar minn scammel, li kienet fuq quddiem that ix-xellug tieghu, il-konvenut qatt ma seta` jaraha. Ghal kuntrarju l-attrici kellha konjizzjoni tieghu. Id-direzzjonijiet li ried jiehu kienx divergenti u ghalhekk ma setghu qatt jahbtu. Li gara huwa li ma qala` it-trakk ingibet lejn ix-xellug u di fatti d-daqqa fil-vettura tal-attrici kienet fuq wara bir-rota ta' quddiem tax-xellug.

Jirrizulta li l-attrici la kienet responsabbli u wisq anqas ikkontribwiet ghas-sinistru. Il-quantum tad-danni ma giex kontestat u ghalhekk akkordat.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna thallas is-somma ta’ Lm417.78 bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------